MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 1066/2006

**Talba Nru: 1066/06PBC**

**Emmanuel Vella & Sons Limited**

**Vs**

**Edgar Urpani u Promax International Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mitejn u lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1,201.26c) rapprezentanti servizzi rezi lill-kumpanija konvenuta li parti minn l-ammont dovut

gie “mhallas” b’zewg cekkijiet li ma gewx onorati, mahruga mill-konvenut proprju.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta’ Riduzzjoni pprezentata fit-2 t’Ottubru, 2007 li permezz taghha s-socjeta’ attrici rriduciet is-sorte ghal seba’ mija u lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm701.26c) stante pagament akkont ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ seba’ mija u lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm701.26c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------